# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 185/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elia Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kontra Elia Grixti talli bhala persuna registrata mal-imsemmi Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-17 ta' Gunju 2000, ghall-habta ta' l-10.15pm, fi Spinola Bay, San Giljan, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali f'ghamla li tigi provvduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51 u 77(a) u (e) ta' l-imsemmi Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Elia Grixti hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Elia Grixti, minnu ppresentat fis-16 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant, ghalkemm migjub f'diversi paragrafi taht l-intestataura "Ragunijiet ta' l-Appell", hu bazikemant wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta skartat il-verzjoni moghtija minnu u qaghdet fuq il-verzjoni tat-tlett spetturi tal-VAT. B'mod partikolari l-appellant jilmenta li r-rapport tal-imsemmija spetturi kien gie redatt minn wiehed minnhom, u t-tnejn l-ohrajn kienu semplicement qed jirreferu ghalih, cioe` jaghmlu uzu minn dana r-rapport biex jifriskaw il-memorja.

Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva aktar minn darba, hija ma tiddisturbax facilment il-konkluzzjoni ta' fatt milhuqa mill-ewwel qorti jekk tkun sodisfatta li dik il-Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Issa f'dan il-kaz il-kwistjoni hi jekk wiehed ghandux jemmen il-verzjoni moghtija mill-ispetturi tal-VAT – u cioe` li koppja barranija tat ghaxar liri lill-appellant kif appena dan wassalhom il-bajja ta' San Giljan bit-*taxi* tieghu, u minghajr ma' dana hargilhom ricevuta, u li hu kien qal lill-ispetturi li din il-koppja kienet cemplitlu d-dar – jew il-verzjoni ta' l-appellant – u cioe` li hu kien ghabba mill-venda tal-ajruport fejn is-sistema hija li l-klient ihallas fil-venda stess u jinghata *voucher* (li parti minnu jzommu s-sewwieq tat-*taxi* biex eventwalment jithallas), u li dak li kien irceva fil-bajja ta' San Giljan kienu biss zewg liri *tips* u mhux il-pagament ghall-vjagg.

Din il-Qorti hasbet fit-tul u tara li f'dana l-kaz il-kwistjoni tirrizolvi ruhha f'wahda ta' kredibbilita`. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tarax li hemm il-presupposti mehtiega biex hija tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-qorti ta' prim istanza. Sinjifikanti huwa l-fatt li ghalkemm l-appellant, fir-rikors tieghu (fil-parti fejn jesponi l-fatti) jghid li huwa kien qed iwassal koppja ta' turisti mill-ajruport sal-Bajja ta' Spinola (San Giljan), meta xehed fl-1 ta' Frar, 2002 qal li hu ghabba biss persuna wahda, ragel, u mhux koppja. Skond is-deposizzjoni ta' l-appellant huwa wasal San Giljan ghal xi t-tmienja w kwart / tmienja w nofs; skond ir-rapport tal-ispetturi huma kellmu lill-appellant ghall-habta tal-ghaxra u kwart (ara l-kopja tar-rapport a fol. 8). L-appellant jichad dak li hemm fir-rapport, u cioe` li hu qal lill-ispetturi li l-koppja kienu klienti tieghu u kienu cemplulu d-dar. Issa, ghalkemm huwa veru li r-rapport jinkiteb minn wiehed mill-ispetturi l-ghada jew il-pitghada (jekk jinserta jkun hemm festa fin-nofs) meta l-fatt ikun gie riskontrat tard bil-lejl, u li l-ispetturi l-ohra jkunu kkonfermaw il-korrettezza tieghu billi jiffirmawh appena redatt, din il-Qorti ssibha difficli temmen li dawna t-tlieta hawwdu (jew ivvintaw) prattikament kollox – il-hin, kemm kien hemm passiggieri, x'diskors qal l-appellant u l-*quantum* tal-flus li ghadda min id ghal ohra. L-appellant kellu mod semplici biex jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, dak li qed jallega hu: huwa seta' jew ipproduci l-bicca tal-*voucher* li l-passiggier (passiggiera?) ikun tah biex izomm biex eventwalment huwa jithallas jew, jekk din il-bicca tal-*voucher* kien lehaq sarrafha, jipproduci r-*records* tal-Assocjazzjoni tas-Sewwieqa tat-Taxis, li topera s-sistema tal-hlas fil-venda, biex juri xi vjaggi ghamel mill-venda ta' l-ajruport fil-guranata msemmija fl-imputazzjoni. Kif inghad, din il-Qorti ma tarax li tista', fic-cirkostanzi, tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep. Registratur